DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 157/2020

tat-23 ta' Ottubru 2020

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/1732]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat Tal-Kummissjoni (UE) 2019/1935 tat-13 ta' Mejju 2019 li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jadattaw l-ammonti bażi tal-euro għal assigurazzjoni ta' indennizz professjonali u għall-kapaċità finanzjarja tal-intermedjarji tal-assikurazzjoni u r-riassikurazzjoni [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 13e (id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"— **32019 R 1935**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1935 tat-13 ta' Mejju 2019 (ĠU L 301, 22.11.2019, p. 3)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1935 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Ottubru 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 214/2018 tas-26 ta' Ottubru 2018 [2], skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Sabine MONAUNI

[1] ĠU L 301, 22.11.2019, p. 3.
* Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.
[2] ĠU L 105, 25.3.2021, p.9.